**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. Can.**

**Rikors Nru.: 55/16**

**Ganni k/a John Bezzina**

**Vs**

**Anthony Bezzina**

**Seduta tat-8 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Ganni k/a John Bezzina fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Marzu, 2016 fejn talab lill-Qorti tikkundanna lil konvenut Anthony Bezzina ihallsu s-somma ta' sitt elef, disa' mija u tmienja w tmenin Ewro (€6988), ekwivalenti ghall-valur ta' sehmu ta' kwint (1/5) indiviz mill-intier fond ossija kmajra bin-numru 9, Sqaq numru 1, Triq id-Dawl, Haz-Zebbug, Malta, mibjugh bil-prezz globali ta' erbgha w tletin elf, disa' mija u erbghin Ewro (€34,940) permezz ta' kuntratt ta' bejgh ippubblikat fit-3 ta' Lulju, 2008 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut (kopja annessa Dok. JB), fuq liema kuntratt oltre ghall-interess tieghek, inti dehert ukoll, bis-sahha tad-Digriet Nru. 527/2007 tal-Onorabbli Qorti Civili, bhala deputat kuratur fl-interess tal-attur imsiefer.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax legali, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kienet debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Carmel Gauci datata 22 ta' Marzu 2016, fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenut moghti fl-avviz (fol.9 tergo).

Illi fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Gunju 2016, l-atturipprezenta kapitolu fil-konfront tal-konvenut.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2016 il-konvenut gie msejjah izda ma deher, la biex jikkontesta t-talba attrici w lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-Avukat difensur tal-attur jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess attur tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt elef, disgha mija w tmienja w tmenin Ewro (€6988) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut.**

Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Magristrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur